**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : XIX**
**Appell Nru: 204/2000**

**Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma)**

**Vs**

**OLIVER MICALLEF**

**Illum, 14 ta'Frar, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuza kontra Oliver Micallef talli fid-19 ta'Lulju, 2000, ghal habta ta' l-4.00 p.m., fil-21 ta'Lulju, 2000, ghal habta tat-3.00 p.m., fis-26 ta'Lulju, 2000, ghal habta ta' l-4.00 p.m., u fit-28 ta'Lulju, 2000, ghal habta ta' l-4.00 p.m., f'Birkirkara, meta ordnat mill-Qorti Civili, Sekond'Awla, b'digriet tat-8 ta'Gunju, 2000, Numru 802/2000 biex jghati access lil ulied minuri Anthony, Elena w Simon, ahwa Micallef, taht il-kustodja tieghu, lill-martu Antoinette Micallef, irrifjuta li jghamel hekk minghajr ebda raguni xierqa.

Rat is-sentenza moghtija fil-25 ta'Settembru, 2000, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali li biha sabet lill-Oliver Micallef hati ta'din l-akkuza, u kkundannatu ghall-hmistax (15) il-jum ta' detenzjoni.

Rat ir-rikors t'appell ta'Oliver Micallef datat 3 ta'Ottubru, 2000, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka w thassar is-sentenza appellata w tilliberah minn kull imputazzjoni w htija.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet ix-xhieda, rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi kif gie ritenut diversi drabi, sabiex l-appellant jigi gustifikat jew ezonerat mill-obbligu li ghandu fl-imsemmi digriet tas-Sekond' Awla, irid ikun hemm raguni xierqa li minhabba fiha hu ma setghax jottempera ruhu ma' dak l-obbligu.

Ghalhekk l-ewwel Qorti ghamlet sewwa meta kkwotat dak li gie deciz minn din il-Qorti precedentement f'proceduri ohra fejn kien hemm akkuza simili ghal din odjerna u fejn din il-Qorti ma qiesetx bhala raguni xierqa l-fatt li kienu biss il-minuri li ma riedux imorru ma' missierhom ghaliex jibzghu minnu. Barra minn hekk ma ingabet l-ebda prova waqt dawn il-proceduri in ezami li tassew il-minuri jibzghu minn ommhom u li ma riedux imorru maghha kif qed jsostni l-appellant.

Anke din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti, tghamel riferenza ghas-sentenza taghha fl-Appell Kriminali *'Il-Pulizija-vs-Rose Carbonaro'*, deciz 26 ta'Mejju, 2000, fejn hemmhekk l-imsemmija Rose Carbonaro kienet qajmet bhala raguni l-ghaliex uliedha ma marrux ma'missierhom il-fatt li, skond hi, kienu huma stess li ma riedux imorru mieghu. F'dawk il-proceduri din il-Qorti rriteniet li ma kienetx tqis tali raguni bhala wahda xierqa ghaliex jekk tasal biex taccettaha w tghamel hekk tkun qed tohloq precedent perikoluz li zgur jista' jaghti lok ghal triq ta'kif xi hadd jista' facilment u abusivament jehles mir-responsabbilta' impoggija fuqu jew fuqha b'xi ordni bhal dik odjerna. U dan japplika ugwalment anke fil-kaz prezenti.

Din il-Qorti ma ssib, ghalhekk, l-ebda raguni valida legalment ghaliex ghandha b'xi mod tbiddel xi haga minn dak li l-ewwel Qorti seghet indubjament tikkonkludi legalment u ragjonevolment, kemm ghal dak li jirrigwarda l-meritu kif ukoll ghal dik li hija l-piena minnha nflitta fuq l-appellant.

Dan premess, il-Qorti qedha, ghalhekk, tichad l-appell ta'Oliver Micallef u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur